SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 6212

Ilum it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-6.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Il-Kunsilliera Caroline Galea li nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa minħabba mpenji oħra u talbet li tiġi skużata.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 6111 li saret nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2011 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Triq Ineż Soler*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li xtaq jinforma l-Kunsill li nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2012 kien ser jibda x-xogħol fuq il-*gutter* fi Triq Ineż Soler.

## 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-19 ta' Diċembru 2011 u t-23 ta' Jannar 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha flimkien mal-minuti tal-laqgħa numru 6111.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0009/12/O – Awtorita' tad-Djar – Skema manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern
- 0072/12/O – Trasport Malta – Trasport Pubbliku ġo Santa Luċija
- 1615/11/O – Arriva Ltd. – ilmenti

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1613/11/I – Heritage Enterprise – *Expression of Interest – Citizens in Action*
- 1635/11/I – Dipartment of Local Government – *Information and Education about the Malta Stock Exchange*
- 0014/12/I – Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 0041/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja 2012
- 0057/12/I – Mepa – *The Environment Report Indicators* 2009
- 0059/12/I – Klabb tal-Boċċi – Xogħol ta' manutenzjoni

- 0076/12/I – Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali – *Electric Vehicles*
- 0077/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Kuntratt tal-Knis
- 0089/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Launching Urbact II Programme*
- 0094/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Performance Bonus* Segretarju Eżekuttiv
- 0098/12/I – Residenta – Servizz tat-Trasport Pubbliku

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- SLLC *Memo* 21/2011 - CM6011 – Minuta 8 (paġna 9) – *One way system*
  - Ġbir ta' skart fil-festi
- SLLC *Memo* 01/2012 - Avviżi lil Membri Parlamentari tad-distrett
- SLLC *Memo* 02/2012 - Pagament tal-Kuntratt ref: JT (LED) 57/11/03 – *Supply and installation of a pole mounted LED lighting system and other ancillaries at the Santa Luċija Jogging Track*
- SLLC *Memo* 03/2012 - Kuntratt tal-Knis

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1613/11/I, is-Sindku nforma l-Kunsill li Heritage Enterprise, f'isem il-Kunsill ta' Santa Luċija, kienet bagħtet *notice of interest* taħt il-programm 'Citizens in Action' għal proġett li jiffoka fuq *Healthy Lifestyles*. Is-Sindku qal li l-għan ta' din l-applikazzjoni hija biex tinstab koperazzjoni biex il-Kunsill ikompli jiżviluppa l-proġett tal-Jogging Track.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1635/11/I, il-Kunsill innota l-inizjattiva li qed tittieħed mill-Malta Stock Exchange p.l.c. dwar informazzjoni lil pubbliku.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 14/12/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Malta Council for Culture and the Arts qed jagħti sad-9 ta' Frar 2012 biex min ser jorganizza xi attivitajiet kulturali f'April, Mejju u Ġunju, jinforma b'dan ħalli dawn l-attivitajiet jidhru fil-*Cultural Calendar* u jingħataw promozzjoni.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 41/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012 tammonta għas-somma ta' €303,648. Huwa qara wkoll kif kienet imqassma din l-allokazzjoni skond il-funzjonijiet.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 57/12/I is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport tal-MEPA bl-isem ta' '*The Environment Report Indicators* 2009'.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 59/12/I il-Kunsill iddiskuta talba li kien qed jagħmel il-Klabb tal-Boċċi dwar manutenzjoni li kien hemm bżonn fil-faċilitajiet sportivi tagħhom. Is-Sindku għandu jara x'hemm bżonn isir u jinforma l-Kunsill.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 76/12/I saret referenza għal seminar li kien sar mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali bl' isem "*Demonstration of the feasibility of electric vehicles towards climate change mitigation*". Is-Sindku li kien attenda għal dan is-seminar qal li l-Kunsill irid jagħżel fejn tista' tiġi nstallata *charging station*. Il-Kunsill qabel fuq l-*area* ta' ħdejn l-Għassa tal-Pulizija f'Dawret it-Torri.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 77/12/I saret referenza għal SLLC *Memo* 03/2012 li kienet intbagħtet lil Kunsilliera dwar il-Kuntratt tal-Knis. Is-Sindku qal li hemm *item* fuq l-aġenda dwar dan il-Kuntratt.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 89/12/I dwar il-*launching* ta' *Urbact II Programme* is-Sindku talab biex din l-informazzjoni tintbagħt lil Heritage Enterprise.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 94/12/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien approva l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 98/12/I il-Kunsill iddiskuta *e-mail* li ntbagħtet minn residenta li lmentat dwar l-andament tat-trasport pubbliku li qed jingħata mill-kumpanija Arriva Ltd. Qamet diskussjoni twila dwar in-nuqqasijiet f'dan is-servizz. Il-Viċi Sindku qal li hu kemm il-darba kellimhom bit-telefon u qal li jħoss li l-Kunsill kellu jagħmel protesta. Is-Sindku qal li hemm bżonn li tkun ċara li dan in-nuqqas f'dan is-servizz ma jistgħax jintrefa' mill-Kunsill għax mhux il-Kunsill jipprovdi s-servizz tat-trasport pubbliku imma din ir-responsabilita hija biss tal-Gvern Ċentrali. Huwa qal li l-ilmenti tan-nies għandhom jinġiebu l-Kunsill biex dawn jintbagħtu bil-miktub lil Trasport Malta. Is-Sindku qal ukoll li din il-ġimgħa stess kien ser jiltaqa' ma' l-għola uffiċċjali ta' Trasport Malta biex jiddiskuti l-problemi u jagħmel suġġerimenti kif jista' jitjieb dan is-servizz.

Il-Kunsilliera Gafa` qalet li peress li hi ssemmiet personalment fl-*e-mail* ta' din ir-residenta, tħoss li għandha tirrispondi għal din l-*e-mail* biex tagħti spjegazzjoni ta' kull ma ntqal.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Skema ta' l-Awtorita' tad-Djar*

Is-Sindku nforma li għal din is-sena l-Kunsill ser jingħata fondi mill-Awtorita' tad-Djar biex titkompla l-iskema ta' manutenzjoni tal-komun fil-blokks tal-Gvern. Huwa qal li x-xogħol ser isir fuq l-għaxar blokki li jmiss kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Blokk 15, Bieb 1 | Trejqet is-Sardinell | 1-16 |
| 2 | Blokk A, Bieb A | Triq Tursin il-Bir | 1-8 |
| 3 | Blokk A, Bieb B | Triq Tursin il-Bir | 9-16 |
| 4 | Blokk B, Bieb A | Triq Tursin il-Bir | 1-8 |
| 5 | Blokk B, Bieb B | Triq Tursin il-Bir | 9-16 |
| 6 | Blokk C, Bieb A | Triq iċ-Ċinenarja | 1-8, 11 |
| 7 | Blokk C, Bieb B | Triq iċ-Ċinenarja | 9-10, 12-16 |
| 8 | Blokk D | Triq il-Margeriti / Pensjeri | 1-12 |
| 9 | Blokk E | Triq Ħalib it-Tajr | 1-12 |
| 10 | Blokk F | Triq il-Peprin | 1-12 |

Is-Sindku qal li ser issir laqgħa għar-residenti ta' dawn il-blokks, li ser tiġi ndirizzata mis-CEO ta' l-Awtorita' tad-Djar li ser jgħati spjegazzjoni tal-proċedura ta' din l-iskema.

### 4.2 *Photovoltaic Panel System*

Is-Sindku rrefera għall-*Memo* 10/2010 - "Skema dwar proġetti ta' Enerġija Alternattiva", fejn il-Kunsill ser jingħata €1600 biex jagħmel *photovoltaic panel system* fuq il-latrina pubblika f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li nġiebet kwotazzjoni biex il-Kunsill ikollu ndikazzjoni ta' l-ispiża nvoluta. Huwa qal li għaldaqstant ser toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn il-panelli.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 3859 sa numru BOV 3926 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti mill-1 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 (Skeda nru. CM62).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 6111.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2011 Ammont *Gross* €7193.82

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Ricky Caruana | (HB)57/11/04 | Blks 1-7 | 33,250.00 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Diċ.11 | 2,016.50 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | JT(LED)57/11/03 | 2010222 | 70,000.00 |
| I.V. Portelli & Sons Ltd. | Q(57/11/14) | I013789 | 1481.00 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Diċ.11 | 430.28 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Diċ.11 | 65.24 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | *Extra Service* | 60.00 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Nov.11 | 1,131.53 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Diċ.11 | 1,131.53 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv.Nov.11 | 2,736.00 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv.Diċ.11 | 2,698.00 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-PERJODU 01/10/11-31/12/11

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għal perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 imħejji mill-Accountant tal-Kunsill li kien preżenti għal din il-laqgħa. Huwa ta spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ finanzjarju tal-Kunsill matul il-perjodu msemmi. Il-Kunsill qabel ma' xi emendi li kien hemm bżonn isiru f'dan ir-rapport. Fil-kummenti tiegħu l-Accountant qal li l-Kunsill għandu l-ammont ta' €38,825 imfaddlin. Huwa qal li dan l-ammont flimkien mal-*grant* tal-Gvern dovut lil Kunsill taħt l-iskema tal-PPP jridu jagħmlu tajjeb għall-ispiża straordinarja li jrid jagħmel il-Kunsill fir-rigward ta' xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Filfatt ġie nnutat li din is-sena biss il-Kunsill irid iħallas is-somma ta' € 110,737 taħt din l-iskema.

L-Accountant tal-Kunsill qal li din is-sena l-Kunsill irid ikun kawt kif jonfoq il-flus. Hu qal li huwa importanti li l-finanzi jibqgħu jiġu *monitored* kull tlett xhur ħalli s-sitwazzjoni finanzjarja tibqa' *healthy* kif dejjem kienet.

Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju kif emendat.

## 7. OFFERTA

### 7.1 OFFERTA: (WM) 57/11/05: *Servizz ta' Works Manager*

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti mitfugħa għal kuntratt hawn fuq imsemmi. Is-sejħa għall-offerti kienet tagħlaq fit-23 ta' Diċembru 2011 u għaliha ntefgħu tlett offerti kif ġej:

| KUNTRATTUR | RATA (%) | | | TOTAL (a,b,c) | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | a) | b) | c) | | |
| Aaron Abela | 0.4 | 1.2 | 1.6 | 3.2% | |
| Karl Cutajar & Alexis Inguanez | 0.44 | 1.40 | 1.0 | 2.84% | |
| Med Design Associates | 0.5 | 1.8 | 1.7 | 4% | Din il-*fee* tiġi mraħħsa b'0.5% jekk jintużaw is-servizzi kollha. |

Is-Sindku qara *Tender Analysis Report* li tħejja mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill preżenti li kien jifforma l-*Adjudication Committee* fuq dan il-kuntratt iddiskuta dawn l-offerti u qabel li jkompli miexi mal-*policy* li dejjem kellu l-Kunsill,

dik li jagħżel l-irħas offerta. Għaldaqstant dan il-kuntratt ġie mgħoti lil Karl Cutajar u Alexis Inguanez.

**7.2 OFFERTA: (PCA) 57/11/06:** ***Tindif u manutenzjoni ta' Latrini Pubbliki***

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti mitfugħa għal kuntratt hawn fuq imsemmi. Is-sejħa għall-offerti kienet tagħlaq fit-23 ta' Diċembru 2011 u għaliha ntefgħu għaxar offerti kif ġej:

| KUNTRATTUR | AMMONT TAT-TENDER (€) |
|---|---:|
| Sng Gauci | 9,990 |
| Ronald Bezzina | 9,000 |
| Frankie Mifsud | 18,000 |
| Charlie Sant | 10,749 |
| Mario Farrugia | 9,500 |
| Mario Magro | 10,000 |
| Bryden Azzopardi | 15,893 |
| Ricky Caruana | 8,000 |
| Alex Fenech | 10,680 |
| Salvu Mifsud | 7,900 |

Is-Sindku qal li kien bagħt għall-kuntratturi li tefgħu l-orħos żewġ offerti u kellimhom dwar l-istandard ta' ndafa mistenni mill-Kunsill fir-rigward ta' dan il-kuntratt. Huwa qal li m'għandux oġġezzjoni għall-ebda wieħed minn dawn il-kuntratturi. Għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li dan il-Kuntratt jingħata lil kuntrattur li tefa' l-Irħas offerta li f'dan il-każ kien Salvu Mifsud.

**7.3 SLLC(L) 57/11/15:** ***Servizz ta' Librar/a***

Is-Sindku rrefera għal-avviż ta' nteress li ħareġ il-Kunsill għas-servizz ta' librar/a fil-librerija pubblika ġo Santa Luċija. Huwa qal li l-Kunsill irċieva żewġ ittri f'dan ir-rigward. Huwa nforma l-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u membru mid-Dipartiment tal-Libreriji kienu ser jintervistaw il-kandidati prospettivi u jżommu l-Kunsill infurmat b'kull deċiżjoni.

## 7.4 Kuntratt ta' Tindif u Knis ta' Toroq

Is-Sindku rrefera għall-SLLC *Memo* 03/2012 fejn il-Kunsill kien infurmat li ser issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-kuntratt hawn fuq imsemmi li kien ser jagħlaq fid-29 ta' Frar 2012 jiġi mġedded sat-30 ta' April 2012 peress li dan il-Kunsill wasal fit-tmiem tiegħu. Is-Sindku qal li fit-tweġiba tiegħu d-Dipartiment qabel ma' din il-proposta iżda s-sejħa għal dan il-kuntratt għandha tinħareġ issa xorta waħda u l-offerti jiġu deċiżi minn Kunsill ġdid.

## 8. RAPPORT AMMINISTRATTIV U PJAN TA' ĦIDMA

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill rapport amminstrattiv tas-sena 2011 u pjan ta' ħidma għas-sena 2012. Hija qalet li dawn iż-żewġ rapporti ser jiġu ppreżentati lil pubbliku fil-laqgħa tal-lokalita' li kellha ssir fit-28 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill approva dawn iż-żewġ rapporti.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern*

Il-Kunsill iddiskuta x-xogħolijiet li saru u qed isiru fil-komun tal-blokks tal-Gvern. Issemmew xi pendenzi li għad fadal fil-blokks li tlestew s' issa. Is-Sindku stqarr li l-kuntrattur għamel dak kollu possibli fil-limitu ta' *budgets* li kellu. Ġie deċiż li jsir kuntatt ma' l-amministraturi fi blokks minn 1 sa 7 fi Triq il-Ġnien biex isir maruf jekk hemmx xi pendenzi u jekk iva, x'inhuma dawn il-pendenzi.

### 9.2 *Water culvert fi Triq Katerina Vitale*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xogħol ta' *trenching* ta' *culvert* b'*cover* galvanizzat għal spiża ta' €525.69. Ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat b'effett immedjat.

### 9.3 Oħrajn

Il-Kunsill iddiskuta divesi suġġerimenti u lmenti fir-rigward ta' xogħolijiet fit-toroq u qabel li jsir:

- *Patching* ta' ħofor fi Triq id-Dalja (ref. nru.01/12)

- Xogħol ta’ manutenzjoni ta’ bankina fi Triq l-Anżalor (ref. nru.02/12)

- *Parking lines* fi Triq Ħalib it-Tajr li għandhom isiru T’s (ref. nru.03/12)

- *Parking bay* għall-muturi jekk possibli fi Triq il-Ġilju quddiem Blokk O (ref. nru.04/12)

- Fi Triq Ineż Soler għandhom isiru *zebra crossing araised* minflok isiru *sleeping policemen* (ref. nru.05 /12).

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar 2012 fis-7.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 13 ta' Frar 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**